MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 1458/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Raymond Callus**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Callus detentur tal-karta tal-identita` numru 594159(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-08 ta' Marzu 2007 jew fil-jiem ta' qabel:

1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;

4. Kif ukoll talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 30 ta' Settembru 2009, liema sentenza hija wahda definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 49 et seq, 185(2) 186 u 121A(1) (li gie assorbit fl-Artikolu 185) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni fi stadju bikri tal-akkuzi tal-imputat ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza kif dedotti kotnrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-istess imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante li l-fedina penali tal-imputat ghalkemm mhijiex wahda netta izda mhijiex tali li tipprejokkupa lill-Qorti, u wara li l-Qorti kkonstatat li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment ta' tali licenzja tant li ma hallas l-ebda flus ghal tali otteniment illegali tal-licenzja, qed issib lill-imputat Raymond Callus hati tal-ewwel, it-tieni u tielet akkuza kif dedotti kontrih u ma ssibux hati tar-raba' akkuza stante li ma tapplikax hekk kif ivverbalizzat mill-partijiet, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah

bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------